**24 ta' Ġunju, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C. B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Cristino Zahra

*versus*

Raymond G. Ashley

**Kolliżjoni — Danni — Negliġenza Kontributorja — "Last Opportunity".**

*Il-fatt li wieħed, waqt li kien isuq karrozza, kien in parti kaġun ta' kolliżjoni li ġrat ma' karrozza oħra, jirrendieh responsabbli għal parti tal-ħsara derivanti mill-kolliżjoni minħabba ħtija kontributorja.*

*Għalkemm id-driver wieħed jippretendi li l-ħtija kollha tal-kolliżjoni għandha taqa' fuq id-driver l-ieħor, billi jallega li l-aħħar negliġenza kienet tad-driver l-ieħor u li dan kellu l-"last opportunity" li jevita l-kolliżjoni, hija dejjem kwistjoni ta' fatt min tassew ikkaġuna l-ħsara u, jekk iż-żewġ partijiet kienu fi ħtija, f'liema proporzjon għandha tinqasam il-ħsara. Il-kwistjoni jekk kienx hemm "contributory negligence" ma tistgħax tiġi deċiża fuq supposti prinċipji aprijoristiċi, jew regoli fissi, iżda skond prinċipji ta' sens komun; għad li, bla dubju, meta tista' tinġibed linja ċara ta' demarkazzjoni, in-negliġenza posterjuri hi l-unika waħda li għandha tiġi kunsidrata.*

*Jekk il-Qorti tal-Ewwel Grad tkun użat id-diskrezzjoni tagħha fl-allokazzjoni tal-ħsara a karigu ta' driver wieħed u l-ieħor, il-Qorti tal-Appell, bħala regola, ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni; biex id-diskrezzjoni wżata mill-Ewwel Qorti tiġi disturbata, jeħtieġ li jkun jidher ċar illi hemm motivi ta' ċerta gravità.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur,

wara li ppremetta illi fit-28 ta' Lulju 1957, f'xi s-1.30 a.m., fit-trieq li tagħti għar-Rabat mill-Belt, minħabba imprudenza, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti, il-konvenut, fil-waqt li kien qiegħed isuq il-karrozza tiegħu numru 12213 għad-direzzjoni tal-Belt, baqa' dieħel ġewwa l-karrozza wieqfa numru 12588 ta' proprjetà tal-attur; u illi, bħala konsegwenza ta' din il-ħabta, l-attur sofra danni inġenti, konsistenti fil-ħsara materjali kaġunata lill-istess karrozza tiegħu, fit-telf ta' profitt għall-perijodu li l-istess karrozza kienet qegħdha tissewwa, u f'dawk id-danni l-oħra kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u illi, għalkemm interpellat bonarjament, u anki permezz ta' ittra uffiċjali preżentata fit-30 ta' Lulju 1957, il-konvenut naqas li jħallas lill-attur id-danni minnu sofferti; talab li (1) jiġi dikjarat u deċiż li l-konvenut huwa responsabbli għall-kolliżjoni fuq imsemmija, li ġrat fit-28 ta' Lulju 1957 fit-trieq li tagħti għar-Rabat mill-Belt, bejn il-karrozza numru 12213 misjuqa mill-istess konvenut u l-karrozza numru 12588 ta' proprjetà tal-attur, u dan peress li l-istess kolliżjoni ġrat minħabba n-negliġenza, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenut; u (2) il-konvenut jiġi konsegwentement kundannat iħallas lill-attur dik is-somma li tiġi likwidata mill-Qorti bħala danni, konsistenti dawn id-danni fil-ħsara kaġunata fil-karrozza tal-attur, fit-telf ta' profitt fil-waqt li l-istess karrozza kienet qegħdha tissewwa, u f'dawk id-danni l-oħra kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; kollox, jekk hemm bżonn, per mezz ta' perit nominand. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju 1957, u tal-ittra uffiċjali taż-17 ta' Marzu 1958; u bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Novembru 1959, li biha laqgħet it-talba tal-attur fis-sens li ddikjarat li l-kolliżjoni fuq imsemmija ġrat bi ħtija tant tal-konvenut kemm ta' Paolo Zahra, li kien isuq il-karrozza tal-attur, u r-responsabbiltà relattiva għandha tinqasam bin-nofs; u laqgħet it-tieni talba billi kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' £135. 5.11½d, bl-imgħax legali

mid-data tas-sentenza; l-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti bin-nofs; wara li kkunsidrat;

Illi l-espert ġudizzjarju, fl-ewwel relazzjoni tiegħu, issottometta (1) illi l-kawża prossima tal-kolliżjoni kienet dovuta għan-nuqqas da parti tal-konvenut, u (2) illi għalhekk il-konvenut għandu jħallas lill-attur id-danni li sofra, ammontanti u likwidati għal £268. 11.11d; liema konklużjonijiet huwa baqa' jsostni fir-relazzjoni tiegħu supplementari;

Illi ħadd mill-kontendenti ma akkwijeta ruħu għall-konklużjonijiet peritali; difatti l-attur, fin-nota tiegħu fol. 147 ikkritika bħala inadegwata l-likwidazzjoni tad-danni, u l-konvenut, fin-nota tiegħu fol. 141, irrespinġa r-responsabbiltà tad-danni. almenu fit-totalità tagħhom, u kkritika wkoll il-likwidazzjoni magħmula mill-espert;

Illi, dwar il-likwidazzjoni tar-responsabbiltà, l-espert ġudizzjarju ssottometta illi Paolo Zahra, meta ġrat il-kolliżjoni, kien ġa waqaf fuq il-lemin tat-trieq biex jara x'kien ġralu l-car li kien fil-gandott; u dan huwa argomentah (a) mit-tajn niexef li sab il-P.C. Psaila .... u (b) mill-fatt illi l-istess Paolo Zahra ma kellu ebda ferita ... ; b'mod li, jekk Paolo Zahra ma kienx dak il-ħin fil-car, dan ma setgħax kien miexi, u konsegwentement il-kolliżjoni saret ħtija biss tal-konvenut;

Illi l-istess konvenut jissottometti illi kien Paolo Zahra l-kawża prossima tal-kolliżjoni, u li, għall-agħar ipotesi, dan, bil-manuvra li għamel meta mar bil-karrozza fuq il-lemin tat-trieq, ikkontribwixxa għall-kolliżjoni kolpożament;

Illi l-Qorti tosserva li l-fatt li wieħed ikun in kontravvenzjoni mall-liġi ma jġibx neċessarjament u dejjem li huwa jkun responsabbli tal-ħsara; hemm bżonn li huwa, b'dik il-kontravvenzjoni ikun il-kawża prossima tal-ħsara; tant hu hekk illi fil-każ li driver jista' jevita l-konsegwenzi tal-kontravvenzjoni ta' driver ieħor, u ma jevitahomx ħtija tiegħu, ikun responsabbli tal-kolliżjoni waħdu, jew mal-

ieħor, skond il-każ; u jekk nikkunsidraw il-każ fid-dawl tal-"last opportunity", hemm bżonn illi bejn in-negliġenza inizzjali u dik li tiddetermina l-kolliżjoni jkun hemm intervall ta' ħin apprezzabbli qabel il-kolliżjoni li fih il-parti mhux negliġenti tkun tista', bid-diliġenza ordinarja, tevitaha, u jekk ma tevitahiex ħtija tagħha, ir-responsabbiltà taqa' fuqu (Kollez. XXXII-I-440; XXIX-IV-741);

Illi għalhekk hemm bżonn issir indaġini jekk fil-każ tagħna kienx hemm dan l-intervall ta' ħin apprezzabbli; u billi dan jista' jeħles lil Paolo Zahra, bħala kontravventur inizzjali, mir-responsabbiltà tal-kolliżjoni, il-prova tinkombi lilu (Kollez. XXIX-I-823), u miegħu lill-attur li qed jagħmel il-kawża;

Illi f'dan ir-rigward Paolo Zahra xehed illi hu waqqaf biex fuq ix-xellug . . . . . Il-konvenut mill-banda l-oħra xehed . . . . . Il-perit ġudizzjarju, fost iż-żewġ versjonijiet jidher li għażel dik tal-konvenut; u l-Qorti taqbel miegħu. Dwar, mbgħad, jekk il-konvenut setgħax jevita l-kolliżjoni, il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa ċ-ċirkustanzi tal-każ, hija tal-fehma illi ma kienx hemm intervall ta' ħin apprezzabbli bejn il-mument li Paolo Zahra mar u waqaf bid-car fuq il-lemin tiegħu tat-trieq u l-mument li ġrat il-kolliżjoni. Dan jikkonfermah ix-xhud Maġġur Hannibal Scicluna, li tkellem ma' Paolo Zahra . . . . . ;

*Omissis;*

Illi, salv dak li sejjer jingħad dwar il-veloċità tal-car tal-konvenut, il-Qorti tirritjeni li, in vista taċ-ċirkustanzi kollha, l-attur ma ppruvax kif kien dmiru illi kien hemm intervall ta' ħin apprezzabbli biex il-konvenut jista' jevita l-kolliżjoni; u għalhekk l-attur ma jistgħax jeħles mir-responsabbiltà tal-aċċident, almenu għal kollox;

Illi mill-banda l-oħra, il-veloċità li biha kien sejjer il-konvenut kienet qawwija, żgur aktar minn 30 mil fis-sigħa kif jippretendi; u f'dan ir-rigward il-Qorti tadotta r-raġunamenti tal-espert ġudizzjarju. Huwa veru li ma hemmx il-prova preċiża li huwa kien għaddej b'aktar minn 40 mil

fis-sigħa, li hija l-veloċità permessa mil-liġi barra l-ibliet u l-irħu'a, u applikabbli għall-każ in kwistjoni; iżda, kif osservat din il-Qorti fil-kawża "Mazzitelli vs. Carr", deċiża fit-18 ta' Mejju 1935, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza ngliża, "to-day the legal speed limit is not necessarily an accepted criterion of careful driving" (Kollez. XXIX-II-504); u min isuq karrozza hu obligat juża dawk il-mezzi kollha biex jiġu evitati l-konsegwenzi ta' sewqan ħażin ta' ħadd ieħor; u jekk ma jagħmelx hekk, jidħol ukoll responsabbli tad-danni (Kollez. XXX-IV-625). Issa, fiċ-ċirkustanzi, speċjalment dik li l-konvenut kien jaf li kien hemm karrozza oħra tiela f'direzzjoni opposta, u li kwindi t-trieq ma kienetx libera, il-veloċità tal-konvenut kienet eċċessiva, u għalhekk huwa jistħoqqlu jbati parti mir-responsabbiltà tad-danni li ġraw;

Illi l-Qorti iħoss ukoll li għandha tirrileva illi, fil-każ kif ġara, ma jistgħax jiġi eskluż l-istat tal-animu li sab ruħu fih il-konvenut minħabba n-nuqqas ta' intervall ta' żmien apprezzabbli biex tiġi evitata l-kolliżjoni; u għalhekk għandu jibbenefika mit-teorija tal-"agony of collision", ormaj ammessa anki mill-Qrati Tagħna (Kollez. XXIX-I-937; u IV, 557);

Illi min dak li ntqal tinżel il-konsegwenza li l-kolliżjoni kienet dovuta għall-ħtija tal-konvenut u ta' Paolo Zahra, li kien isuq il-karrozza tal-attur; u fil-fehma tal-Qorti l-ħsara li dderivat għandha tiġi sopportata bin-nofs;

Illi, dwar il-likwidazzjoni, il-Qorti taqbel mal-espert ġudizzjarju, u tagħmel tagħha l-konklużjoni minnu raġġjunta;

Rat in-nota tal-appell tal-attur, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab illi s-sentenza appellata tiġi riformata, billi tiġi riformata fl-ewwel kap li bih iddikjarat illi l-kolliżjoni ġrat bi ħtija tant tal-konvenut kemm ta' Paolo Zahra, u r-responsabbiltà relattiva għandha tinqasam bin-nofs, u jiġi deċiż minflok illi r-responsabbiltà tal-kolliżjoni hija nterament u esklużivament tal-konvenut, u konsegwentement il-konvenut għandu jħallas mhux in-nofs, iżda d-

danni kollha; u tiġi riformata wkoll fit-tieni kap, li bih il-konvenut ġie kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £134. 5. 11½d, u jiġi deċiż illi d-danni li għalihom il-konvenut għandu jiġi kundannat ikunu s-somma ntiera, u jkunu f'miżura akbar minn dik ta' £268. 11.11d; u billi fl-aħħar jiġi riformat il-kap tal-ispejjeż, fis-sens li dawn jeħelhom kollha l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-ewwel aggravju tal-appellant hu illi l-ħtija tal-kolliżjoni messha ġiet mixħuta kollha kemm hi fuq l-appellat, jiġifieri b'esklużjoni ta' kwalunkwe "contributory negligence" da parti ta' ibnu Paolo Zahra, li dak il-ħin kellu f'idejh il-karrozza tiegħu;

Dwar din il-kwistjoni, din il-Qorti, wara illi qieset bir-reqqa r-riżultanzi tal-proċess, ma ssibx raġuni biex ma taqbelx mal-konklużjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti, anki jekk mhux preċiżament għal-istess raġunijiet legali;

Din il-Qorti taċċetta bħala fatt, kif aċċettat l-Ewwel Onorabbli Qorti u l-perit ġudizzjarju, illi Paolo Zahra waqaf fuq in-naħa ħażina tat-trieq u bid-dwal "bright" mixgħula. B'dan il-mod hu kkrea stat ta' diffikultà u mbarazz doppju għall-konvenut, billi ostruwixxa l-parti tat-trieq li kienet tal-konvenut, u oltre dan irrenda diffiċli jew impossibbli l-vista tajba minħabba d-dawl. Jekk, mill-banda l-waħda, jista' jingħad (u dan, fin-nuqqas ta' appell da parti tal-konvenut, issa hu ġudikat) illi n-nuqqas tal-konvenut li jsuq aktar bil-mod, jew li jieqaf, kien in parti kaġun li ġrat il-kolliżjoni, daqs tant ieħor jista' jingħad illi, mingħajr in-nuqqas ukoll gravi ta' Paolo Zahra li jimblokka t-trieq bil-lejl u jagħmi lil min ikun ġej għall-affari tiegħu fuq in-naħa sewwa tat-trieq, il-kolliżjoni ma kienetx tiġri. Din infatti ġrat fuq in-naħa minn fejn normalment kellu jgħaddi l-konvenut, u mnejn kien jgħaddi bla ma jiġri xejn kieku ma kienx hemm irregolarment il-karrozza tal-attur;

L-attur, però, jippretendi illi l-ħtija għandha taqa' kollha fuq il-konvenut, għaliex l-aħħar negliġenza kienet tiegħu, u kien hu li kellu dik li tissejjaħ il-"last opportunity" biex jevita l-kollizjoni;

Ir-regola tal-Last Opportunity tidher li twieldet u ġiet elaborata fl-Ingilterra meta l-liġi ngliża kienet għadha ma tammettix ir-ripartizzjoni tad-danni minħabba ħtija tant fl-attur kemm fil-konvenut f'azzjoni bażata fuq "kolpa" ("negligence"). Ir-regola tal-"Common Law" kienet illi, *jekk l-attur kien in kolpa* ("negligent"), u l-kolpa tiegħu kienet il-kawża deċiżiva tal-aċċident, jew talment involuta mal-ħtija tal-konvenut b'mod li jkun impossibbli tiddetermina ta' min kienet il-kolpa li kienet il-kawża deċiżiva, l-attur ma kienx jista' jottjeni ebda danni minn għand il-konvenut non ostante illi anki dan kien in kolpa. "Thus, where the injuries have been caused partly by the defendant's fault, and partly by the fault of the plaintiff, the contributory negligence of the plaintiff, if established, freed the defendant of all liability" (Winfield On Tort, 6th edition, *1954, pp. 507-8)*;

Din ir-regola tal-"Common Law" kienet kulltant tikkaġuna nġustizzja meta l-ħtija tal-attur ma kienetx tkun il-kawża prinċipali tal-aċċident. "Accordingly the Courts modified the defence of contributory negligence by the so-called rule of Last Opportunity. This enabled the plaintiff to recover, notwithstanding his own negligence, if upon the occasion of the accident the defendant could have avoided the accident while the plaintiff could not" (loc. ċit.). *Jekk il-konvenut kellu l-aħħar opportunità li jevita* l-aċċident (jew kien jkollu din l-aħħar opportunità kieku ma kienx għall-ħtija tiegħu), l-attur seta' jottjeni d-danni "kollha";

Min hawn jidher kemm il-liġi ngliża, li taħtha twieldet id-dottrina tal-Last Opportunity, kienet differenti mil-liġi tagħna almenu minn mindu saret id-dispożizzjoni tal-art. 1094 tal-Kodiċi Ċivili, li tipprovdi għat-tqassim tal-piż tad-danni reklamati mill-attur meta hu stess bil-kolpa tiegħu *kkontribwixxa jew ta okkażjoni għad-danni li hu sofra;*

Fl-1945 ġie promulgat fl-Ingilterra "The Law Reform (Contributory Negligence) Act", li mmodifika r-regola tal-"Common Law' fuq imsemmija, b'mod li sostanzjalment ġie provvdut kif tiddispondi l-liġi tagħna, ċjoè illi l-attur, ankorkè ikun ikkontribwixxa għall-aċċident bil-ħtija tiegħu, jista' jaġixxi kontra l-konvenut ukoll negliġenti, iżda d-danni li jista' jottjeni jkunu ridotti in proporzjon ta' kemm hu stess ikun ikkontribwixxa jew ta okkażjoni għad-danni sofferti;

Issa, anki qabel ma ħareġ l-Att tal-1945 fuq imsemmi, ir-regola ta' l-hekk imsejħa "last opportunity" kienet ġa fl-Ingilterra waqgħet "into disrepute". "It was fallacious because the efficiency of causes does not depend on their proximity in point of time" (per Denning L.J. "Davies v. Swan Motor Co. (1949) 321-2). Verament, dik ir-regola qatt ma kienet prinċipju ta' liġi;

Fi kwalunkwe każ, wara li ġie promulgat l-imsemmi Att tal-1945, l-imsemmija regola tal-"last opportunity", skond id-dottrina u l-ġurisprudenza prevalenti fl-Ingilterra, ġiet abolita għal kollox għal kull fini prattiku. Fil-kawża "Boy Andrew (Owners) v. Lt. Rognvald (Owners) (1948) A.C. 140, Lord Sinion qal:— "The test of last opportunity is inaptly phrased and likely in some cases to lead to error; there is no such rule; the question is not who had the last opportunity of avoiding the mischief, but whose act caused the wrong". U fil-kawża "Davies v. Swan Motor Co.", ġa fuq ċitata, Denning L.J. qal illi dik ir-regola "was never a principle of law, and was fallacious even as a test of causation, and now has no place even as a test of causation";

Din biss hija r-regola fil-liġi tagħna; u, kif qalet din il-Qorti fil-kawża "Arrigo vs. Laferla" (App. Kummerċjali 16. 5. 1960) fuq l-awtorità ta' Lord Birkinhead, il-kwistjoni jekk kienx hemm "contributory negligence" miż-żewġ naħħiet ma tistgħax tiġi deċiża fuq supposti prinċipji aprijoristiċi, jew regoli legali fissi, iżda skond prinċipji ta' sens komun "as a jury would probably deal with it". Għad illi, bla dubju, meta tista' tinġibed linja ċara ta' demarkazzjo-

ni, in-negliġenza posterjuri hi l-unika waħda li għandha tiġi kunsidrata, "there are cases in which the two acts come so closely together, and the second act of negligence is so much mixed up with the state of things brought about by the first act, that the party secondly negligent, while not held free from blame, . . . . might, on the other hand, invoke the prior negligence as being part of the cause of the collision so as to make it a case of contribution";

Fuq il-bażi ta' dan il-kriterju, il-Qorti, kif ġa ntqal, taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti illi għall-kolliżjoni in kwistjoni kkontribwiet il-ħtija anki ta' Paolo Zahra, li bil-kontravvenzjoni tiegħu poġġa lill-konvenut fi stat immedjat ta' diffikultà u perplessità sal-istess mument tal-kolliżjoni;

L-Ewwel Qorti sabet illi l-ħsara li dderivat lill-attur għandha tiġi sopportata bin-nofs bejnu u bejn il-konvenut. Fis-sentenza ġa msemmija "Arrigo vs. Laferla", din il-Qorti, qalet illi, bħala regola, id-deċiżjoni tal-Qorti ta' prima istanza f'din il-materja ma għandhiex tiġi disturbata ħlief f'każijiet eċċezzjonali, peress illi din hi materja ta' diskrezzjoni. Biex id-diskrezzjoni wżata tiġi disturbata jeħtieġ illi jkun jidher ċar illi hemm raġunijiet ta' ċerta gravità; liema raġunijiet il-Qorti ma ssibx fil-każ preżenti;

Fit-tieni lok; l-appellant jilmenta mill-likwidazzjoni tad-danni għal dak li jirrigwarda l-"lucrum cessans"; iżda la in prima istanza, u anqas fl-appell, l-appellant ma ġieb ebda raġuni biex iwaqqa' r-raġunijiet li fuqhom hi bażata l-likwidazzjoni magħmula mill-Ewwel Qorti;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiċħad l-appell, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż tal-appell kontra l-appellant.